**17 ta' Novembru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Carmana Colombo, B. Litt., LL.D.**

**Joseph Mifsud Bonnici, M.B.E. ne.**

***versus***

**Avv. Dr. George Degaetano et. ne.**

**Ġurisdizzjoni — Kompetenza — Eżekuzzjoni tas-Sentenza — Domiċilju — Emigrazzjoni — Proċedura — Art. 743(a) u 743 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti tista' tingħata, fost każijiet oħra, meta l-Qorti ma jkollhiex ġurisdizzjoni tiegħu konjizzjoni tal-kawża għax din ma tkunx ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' dawn il-Gżejjer.*

*Il-Qrati ta' dawn il-Gżejjer għandhom, mingħajr distinzjoni jew privileġġ, ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċidu l-kawżi kollha li jirrigwardaw, fost oħrajn, il-persuni li huma sudditi tal-Maestà Tagħha r-Reġina, mill-twelid jew naturalizzati maltin, sakemm ma jkunux iffurmaw id-domiċilju tagħhom band'oħra, u kull persuna għal kull obligazzjoni li tkun ikkuntrattat ma' sudditu tal-Maestà Tagħha r-Reġina, meta s-sentenza tkun tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer.*

*Kwantu għad-domiċilju, mhux biżżejjed li wieħed ikun siefer, anki flimkien mal-familja tiegħu, biex jista' jingħad li hu biddel id-domiċilju tiegħu; billi hu magħruf illi mhux biżżejjed il-qagħad twil f'pajjiż barrani, għal motivi ta' kummerċ jew xogħol, anki jekk ikun ha miegħu l-familja, imma jeħtieġ li jirriżulta bi provi preċiżi u konkludenti li hu ma għandu ebda ntenzjoni li jirritorna. Jekk mbgħad huwa jkun siefer bħala emigrant, għandu jitqies li siefer bl-intenzjoni li jibqa' fil-pajjiż fejn emigra.*

*Kwantu għall-eżekuzzjoni tas-sentenza, din timporta n-neċessità tal-aċċertament fil-prinċipju tal-kawża, jekk u meta l-individwu jew persuna azzjonata tkun assenti, li jkunu jeżistu f'dawn il-Gżejjer beni jew sustanzi li fuqhom is-sentenza tkun tista' tiġi eżegwita. Il-fatt li dik il-persuna tkun qegħdha tirċievi pensjoni mill-Gvern ta' Malta ma jimpur-*

*tax li hija ghandha beni jew sustanzi li fuqhom tista' tigi eżegwita s-sentenza, u ghalhekk dan il-fatt ma jirrendiehx suġġett ghall-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' dawn il-Gżejjer.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li jippremetti illi bi tliet avviżi maħruġa fit-12 ta' April 1957 il-konvenut ġie nterpellat iħallas is-sommom ta' £12 9. 11, £17. 15. 3, u £7.9.6 dovut bħala taxxa skond l-Income Tax Act, 1948, għas-snin ta' stima 1953, 1954 u 1955 rispettivament; u illi l-imsemmija likwidazzjonijiet ta' taxxa dovuta mill-istess konvenut issa saru finali għall-finijiet tal-istess liġi; u illi l-konvenuti nomine ma ħallsux; jitlob illi, l-istess konvenuti fil-kwalità tagħhom fuq indikata jiġu minn din il-Qorti kundannati jħallsuh fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija is-somma ta' £37. 14. 8, dovuta kwantu għal £12. 9. 11 taxxa għas-sena ta' stima 1953, £17. 15. 3 taxxa għas-sena ta' stima 1954, u £7. 9. 6 taxxa għas-sena ta' stima 1955. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' 1958, kontra l-konvenuti *nomine*;

*Omissis*;

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti;

Illi, skond id-dispożizzjoni tal-art. 742(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti tista' tingħata meta l-kawża ma tkunx ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' dawn il-Gżejjer; u skond id-dispożizzjoni tal-art. 743 tal-istess Kodiċi, il-Qrati Ċivili ta' dawn il-Gżejjer għandhom, mingħajr distinzjoni jew privileġġ, ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni msemmijin f'dik l-istess dispożizzjoni taħt l-ittri mill-(a) sal-(g) inklużivament. Fost dawn il-persuni hemm dawk indikati taħt l-ittra (a), ċjoè s-sudditi tal-Maestà Tagħha r-Reġina, mit-twelid jew naturalizzati maltin, sakemm ma jkunux iffurmaw id-domiċilju tagħhom band'oħra: u dawk ndikati taħt l-ittra (g), ċjoè kull persuna, għal kull obligazzjoni li tkun ikkuntrattat ma' sudditu tal-Maestà Tagħha r-

Reġina, meta s-sentenza tista' tkun eżegwita f'dawn il-Gżejjer;

Illi ma hemmx dubju li Edward Semini hu suddittu malti tal-Maestà Tagħha r-Reġina mit-twelid, billi twieled hawn *Malta fl-10 ta' Marzu 1917 (dok. "V" fol. 10); però,* mill-provi akkwiżiti għall-proċess jirriżulta li huwa ifforma d-domiċilju tiegħu barra minn Malta. Infatti, ġie pruvat li Edward Semini xi tmien snin ilu siefer għall-Awstralja, fejn segwietu flimkien ma' uliedhom komuni l-mara tiegħu xi ħames snin ilu. Verament b'dan is-safar biss ma jistax jingħad li Edward Semini biddel id-domiċilju tal-oriġini tiegħu, billi hu biżżejjed magħruf li biex ikun jista' jingħad li persuna tkun biddlet id-domiċilju tal-oriġini tagħha, mhux biżżejjed il-qagħad twil f'pajjiż barrani għaliha, għal motivi ta' kummerċ jew xogħol, anki jekk tkun ħadet magħha l-familja. imma jeħtieġ li jirriżulta bi provi preċiżi u konkludenti li hija ma kellha ebda ntenzjoni li tirritorna (Vol. XXVI-I-1). Issa, *kif xehed Joseph Semini, missier l-imsemmi* Edward, dan jiktiblu spiss, kull ġimgħa u qatt ma qallu li għandu l-ħsieb li jirritorna Malta; anzi, kif qal l-istess xhud, ibnu u l-mara tiegħu biegħu kull ma kellhom hawn Malta, sa anki fond li kien parafernali tal-mara, u stabbilew ruħhom l-Awstralja, fejn anki bnew fond fejn joqgħodu, u li ibnu Edward jinsab impjegat f'dak il-pajjiż. Minn hekk jidher *soddisfaċentement li Edward Semini ma għan*dux intenzjoni li jirritorna Malta, u li huwa fforma d-domiċilju tiegħu barra minn Malta, ċjoè l-Awstralja. Barra minn dan, jiġi rilevat li Edward Semini siefer għall-Awstralja bħala emigrant biex isib ix-xogħol hemmhekk, u kwindi għandu jitqies li huwa siefer bl-intenzjoni li jibqa' hemmhekk (Vol. XXXVI-I-117);

Illi l-attur jissottometti li Edward Semini jirċievi pensjoni ta' £5 fix-xahar mill-Gvern ta' Malta, u għalhekk din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni biex tisma u tiddeċidi din il-kawża, billi s-sentenza li tingħata kontra Edward Semini tkun tista' tiġi eżegwita fuq din il-pensjoni. Din is-sottomissjoni mhix aċċettabbli. Apparti jekk u safejn hi applikabbli għall-każ taħt konsiderazzjoni d-dispożizzjoni tal-art. 743(g) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li fuqha jibbaża

s-sottomissjoni tiegħu l-attur, jista' jingħad mill-ewwel li skond il-ġurisprudenza prevalenti ta' dawn il-Qrati l-kliem "meta s-sentenza tista' tkun eżegwita f'dawn il-Gżejjer", adoperati fid-dispożizzjoni tal-artikolu ġà msemmi, jimportaw in-neċessità tal-aċċertament fil-prinċipju tal-kawża, jekk u meta l-individwu jew persuna azzjonata tkun assenti, li jkunu jeżistu f'dawn il-Gżejjer beni jew sustanzi li fuqhom is-sentenza li tingħata tkun tista' tiġi eżegwita (P. A. 25. 10. 1955 in re "Wells vs. Dr. Borg Olivier de Puget et ne."). Issa, mil-provi ma jirriżultax li Edward Semini għandu ħwejjeġ hawn Malta li fuqhom is-sentenza ta' din il-Qorti, jekk tingħata kontra tiegħu, bl-effetti tagħha kollha skond il-liġi, tista' tiġi eżegwita. Hu veru li Edward Semini jirċievi pensjoni ta' xi £5 fix-xahar minn għand il-Gvern; imma din il-pensjoni ma tistax tiġi kompriża fost il-ħwejjeġ li ssemmew, apparti li skond il-liġi ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru, fost ħwejjeġ oħra, fuq dak li wieħed jirċievi bħala pensjoni minn għand il-Gvern (art. 382(b) Kap. 15);

Illi għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenuti timmerita li tiġi milqugħa;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni, u hekk tiddikjara li din il-kawża mhix ta' kompetenza ġurisdizzjonali ta' din il-Qorti; bl-ispejjeż kontra l-attur nomine.